# Il-Gorboġ

*minn Karmnu Pace*

Inti u tiela' t-telgħa lejn Ħaġar Qim, hekk kif taqbeż il-Knisja tal-Grazzja, ftit 'l fuq mal-lemin, tilmaħ bieb ta' għalqa li fuq il-blata tad-daħla għandu minqux il-kelma "Il-Girbeġ". Is-sid hekk għoġbu jsemmi l-għalqa jew ir-razzett tiegħu, bħalma xi ħadd ieħor kien għoġbu l-isem "l-Għarix", "il-Girna", "il-Barumbara", jew xi isem ieħor li gieħ f'moħħu dak il-ħin.

Jista' jkun li dan is-sid meta naqqax bil-għaqal l-isem "Il-Girbeġ" kellu f'rasu li jikteb bil-pulit dak li aħna a' la Qrendija nsejħulu "Il-Girbiġ" (tinstama' "il-Girbiċċ"). Ma jimpurtax li fil-fatt bil-"pulit" din il-kelma tinkiteb "il-Gorboġ" kif insibuha wkoll imniżżla fid-dizzjunarju. Għalina li mdorrijin nisimgħuha bħala "il-girbiġ" diffiċli jiġina f'rasna li l-puliti jgħawġuha b'tali mod u jġibuha "il-gorboġ".

Bħalma nsibuha stramba li t-tajra li aħna l-Qrendin nsibuha bħala "il-birka" (plural "il-birik"), il-puliti jgħidulha "il-borka" (plural "il-borok"). Għalina tinstama' tassew imgħawġa u stramba kif ilissnuha "tan-naħa t'isfel" dawk li aħna ngħidu li jitkellmu bil-pulit. Imma fuq din il-kwistjoni ta' kif nitkellmu aħna a' la Qrendija, bir-raħli, jew bl-imgħawweġ kif ngħidulu aħna bejnietna, nitkellem jekk Alla jrid darba oħra.

Illum dak li jinteressani nitkellem fuqu huwa "il-gorboġ". L-għan tiegħi huwa li nqajjem kuxjenza dwar din il-binja umli u fqira li hija espressjoni arkitettonika tal-bidwi tan-naħiet t'isfel ta' Malta. Jien kelli mistoqsija tberren f'moħħi: "Għaliex in-naħa ta' fuq ta' Malta (il-Mellieħa, l-Imġarr, iċ-Ċirkewwa) hemm tant giren sbieħ, imbagħad fin-naħa t'isfel qajla ssib waħda minnhom?"

It-tweġiba jien jidhirli li sibtha meta darba daqs sentejn ilu kont miexi fit-Triq ta' taħt Ħal Lew u lmaħt daħla mudlama fil-ħajt tas-sejjieħ. Meta ttawwalt ġewwa u rajt li din ma kinitx xi toqba fil-ħajt imma kmajra biex isservi għall-bżonnijiet tal-bidwi jew ir-ragħaj, komplejt nikkonvinċi ruħi mill-ħsieb li kelli. Iva, it-tweġiba tal-bdiewa tan-naħa t'isfel ta' Malta għall-binjiet tal-giren li jinstabu fix-xaqliba ta' fuq ta' gżiritna, hija "il-gorboġ".



Għalina li trabbajna l-Qrendi u speċjalment għal min hu midħla tar-raba', meta nsemmu l-kelma "gorboġ" mal-ewwel tiġi f'rasna dik id-daqsxejn ta' kamra żgħira, kemm kemm jidħol bniedem, mibnija ġo xi għalqa bil-ġebel tas-sejjieħ. Imma meta tibda tistaqsi lil nies ta' rħula oħra jista' jkun li jagħtuha tifsira differenti.

Ngħidu aħna għas-Siġġiwin li qegħdin mhux daqs tant mbegħdin minnha "il-gorboġ" huwa xi qatgħa żgħira fil-bitħa jew taħt xi taraġ fejn wieħed kien irabbi xi fenka. U l-istess jifhmuha din il-kelma n-nies ta' Ħad-Dingli, ir-Rabat, il-Mellieħa, Mġarrin u saħansitra mill-inħawi taċ-Ċirkewwa.

Mill-banda l-oħra, meta tkellimt ma' nies bħal dawk minn Ħal Safi, ż-Żurrieq, il-Gudja u Ħal-Għaxaq u anke Ħal Għargħur, għalihom il-kelma "gorboġ" tfisser l-istess bħalma nifhmuha aħna. Jiġifieri dik il-kmajra ċkejkna u baxxa, mibnija mis-sejjieħ biex il-bidwi jkollu fejn jistkenn f'każ ta' xi ħalba xita, jew forsi jidħol fih biex jimtedd ftit għall-ħin tal-mistrieħ, forsi anke jiekol gidma ħobż, jew biex iwarrab fih xi magħlef patata jew xi ftit basal.

Jidher ukoll li "gorboġ" (plural=griebeġ) kien jintuża biex il-bidwi kien jagħmel l-għassa mal-għelejjel jew l-uċuħ li jkollu miżrugħin fil-għalqa tiegħu. U dan jidher mill-fatt li għadd kbir mill-griebeġ li sibt (s'issa għandi madwar 100) ikollhom dik it-toqba żgħira mal-faċċata u xi mindaqqiet anke

ma' xi ġenb minn fejn il-bidwi sata' jittawwal għal barra. Din it-tieqa żgħira, kien hemm minn qalli li jsejħulha "l-għassiesa" jew "ir-rewwieħa", jew anke "it-tawwala". U meta l-gorboġ kien ikollu waħda minn dawn ma' kull ġenb kienu jsejħulu gorboġ "tal-erbat irjieħ".

Ma għandniex xi ngħidu biex gorboġ ikun ta' dan it-tip irid ikun mibni 'l barra mill-ħajt, aktarx f'nofs l-għalqa u għalhekk il-bidwi minnu kien ikun jista' jgħasses, jew jifteqed l-erbat iġnub tal-għalqa.

Fejn kienu jibnuh il-gorboġ? Peress li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-gorboġ kien dak li jagħti l-kenn u fl-istess ħin li jservi ta' post mnejn wieħed sata' jagħmel l-għassa, il-gorboġ aktarx li ssibu mibni f'postijiet maħsuba għal tal-apposta. Ngħidu aħna fir-rokna tal-għalqa bid-daħla tiegħu tħares fuq tul il-għalqa u b'xi għassiesa jew tawwala tħares lejn il-ġenb l-għami (dak li ma jidhirx mid-daħla).

Meta jkun fir-rokna l-gorboġ jista' jkun jew ta' għamla kwadra jew tawwali, inkella għamla ta' triangolu qisu maqrut, u sibt ukoll dawk li jkollhom il-faċċata għat-tond jew imqammra. Ġieli l-gorboġ kien ikun mibni bejn żewġt iħbula raba', f'nofs il-katina (il-ħajt) li jifred il-ħabel ta' fuq minn dak t'isfel. F'dan il-każ ġieli sibt gorboġ b'żewġ daħliet, b'daħla waħda tagħti fuq għalqa u daħla oħra għal fuq l-oħra. Jew inkella jkollu daħla waħda imma b'għassiesa ma' kull ġenb.

Sibt ukoll diversi griebeġ li kienu mibnija fil-ħitan tas-sejjieħ stess. Dan sar bil-ħsieb fl-istess waqt meta kienu qed ifasslu l-ħitan tas-sejjieħ li kienu jaħsbu biex iżommu warajhom il-ħamrija meta l-għelieqi jkunu mtarrġa mal-wilġa ta' xi għolja bħalma għandna fl-inħawi taż-Żelliqat, Ħal Lew, jew fil-ħâra Tal-Lewż wara l-Palazz.

Allura l-bidwi kien jaħseb biex jibni l-gorboġ fil-wisa' tal-ħajt tas-sejjieħ stess. Il-gorboġ ta' dan it-tip seta' jkun bħal daħla dritta biss fil-ħajt kemm joqgħod bniedem. Jew inkella kien jilwi u jimxi b'tulu xi sitt piedi lejn il-lemin jew lejn ix-xellug u kien jasa' anke sa sitt persuni bilqiegħda kokka wieħed ħdejn l-iehor.

F'dan il-każ aktarx li mat-tul tal-faċċata kien ikollu xi għassiesa jew tawwala biex il-bidwi jħares minnha bla ma jkollu għalfen joħroġ fid-daħla. U ta' min jinnota wkoll li din it-tawwala kienet tkun merfugħa xi tliet piedi 'l fuq mill-art hekk li minn bilqiegħda kienet tiġi mal-livell ta' għajn il-bidwi. F'ċerti każijiet fejn ir-raba' jkun mtarraġ u l-gorboġ ikun mibni fil-ħajt, l-għalqa ta' fuq tibqa' għaddejja bil-ħamrija minn fuq is-saqaf tiegħu li f'dan il-każ ikun b'saħħtu għax ikun magħmul minn kapitelli ta' tmin jew għaxar pulzieri ħxuna.

Imbagħad hemm tipi oħra ta' griebeġ: ngħidu aħna tista' ssibu fuq xi roqgħa blat f'nofs l-għalqa, jew imkennen ġo xi rokna jew oħra bil-ġenb tiegħu jagħmel parti mill-ħajt tas-sejjieħ stess. Inkella hemm tip ieħor li jkollhom il-ġnub mikxufa u daharhom biss imiss mal-ħajt ta' wara.

F'ħafna mill-eżempji li sibt fost dawn it-tipi oħra ta' griebeġ barra dak mibni ġol-ħajt stess, aktarx li l-gorboġ ikun mibni fuq xi roqgħa blat għeri u għalhekk ma kienx ikollu bżonn ta' pedamenti. Il-gorboġ huwa binja żgħira, magħmul biex jaqdi l-bżonnijiet tal-mument tal-bidwi. Imma fl-istess ħin kien jinbena bil-galbu u b'ċerta sengħa biex iservi għal tul ta' snin. Għal kuntrarju, ngħidu aħna, l-għarix kien jinbena biss għall-istaġun u kien jiżżarma meta jgħaddi żmienu.

Fil-biċċa l-kbira l-gorboġ kien ikun binja żgħira għalkemm kien hemm min kabbar ukoll u d-daqs sar joqrob lejn dak ta' dwejra żgħira. Il-materjal fil-każ ta' dawk l-aktar antiki kien ikun ġebel tax-xagħri kif insibuh fin-natura. Fl-eżempji li sibt tal-griebeġ antiki saħansitra anke l-blata tad-daħla kienet tkun ġebla naturali u s-saqaf kien ikun magħmul minn qiegħan naturali li jintrefgħu mill-blat tax-xagħri. Minn dawn hemm lejn ix-xagħra ta' Ħaġar Qim u lejn iż-Żelliqat.



Imbagħad hemm l-oħrajn li nbnew wara fejn il-bidwi beda jaħdem il-ġebel għad-daqqa tal-kanal tal-imterqa. Jiġifieri l-ġebel ikun magħmul minn blat mifruq imma ftit li xejn minġur. Imbagħad hemm dawk ngħidilhom jien "il-moderni" fejn il-ġebel kien ikun kwadru u

minġur u t-tisqifa magħmula wkoll minn xorok tal-franka minġura. Kull bidwi kien jibni l-gorboġ skont il-bżonnijiet tiegħu, skont il-materjal li jsib, u skont l-istil u s-sengħa li kien ikollu.

Għalhekk kull gorboġ huwa differenti wieħed mill-ieħor. Kull wieħed għandu stil u laqta individwali li tixhed il-ħsieb, il-ħila u r-ruħ ta' min bnieh. U hawnhekk wieħed japprezza s-sbuħija ta' din il-binja li ħarġet ħafna drabi minn idejn il-bidwi stess. Binja li hija bla ħafna pretensjonijiet u pompi.

Ħafna drabi hija wkoll mistura wara xi ħajt tas-sejjieħ, jekk mhux ġo fih stess, jew taħt xi tina jew ħarruba. Għalhekk ħafna nies jgħaddu minn ħdejhom bla ma jinnotawhom ħlief dawk il-ftit li jkunu mibnija ġo nofs ta' xi għalqa jew fuq xi biċċa blat għolja. Għax anke it-tisqifa tagħhom tkompli tgħin biex jibqgħu mistura ħlief għall-għajn li tkun imdorrija tikxifhom. Hawnhekk niġu għall-karatteristika oħra importanti ħafna fil-binja tal-gorboġ.

Is-saqaf tal-gorboġ huwa magħmul dejjem ċatt minn ġewwa u ħafna drabi minn barra wkoll. (U dan il-fatt flimkien mal-fatt l-ieħor li l-ħitan ikunu dritti, jiddistingwihom mill-binja tal-girna). Fil-griebeġ l-antiki nett dawk li jien nikkalkula li għandhom mat-300 sena, it-tisqifa kienet tkun mill-qiegħan tal-blat li hawn min isibhom ukoll bħala qxur tal-blat. Sibt griebeġ kellhom qiegħan wiesgħa anke ħames piedi hekk li qiegħ wieħed jgħatti, jew iġib, għas-saqaf kollu. Imbagħad hemm dawk il-griebeġ li t-tisqifa tagħhom hija magħmula minn kapitelli naturali.

Jiġifieri minflok qiegħ wieħed jew tnejn ħdejn xulxin ikollok erba' blatiet tawwalin ħoxnin xi tmin jew għaxar pulzieri, mqiegħda wieħed ħdejn l-ieħor. Għamla oħra ta' tisqifa hija dik eqreb lejna fiż-żmien magħmula mix-xorok maqtugħa u minġura u mxierkin wieħed maġenb l-ieħor. Meta t-tul tal-qiegħ, tal-kapitell jew tax-xriek ma kienx iġib min-naħa għall-oħra tal-wisa' tal-gorboġ il-bennej kien joħroġ il-kileb. Jiġifieri mal-aħħar filata kien joħroġ il-ġebel 'l barra xi ftit pulzieri biex inaqqas id-distanza bejn ħajt u ieħor.

Ix-xriek iserraħ rasu fuq dawn il-kileb u b'hekk jagħlaq it-tisqifa. B'hekk ukoll kienu jakkwistaw ftit iktar wisa' jew ftuħ għall-gorboġ minn ġewwa. Il-kileb ġieli sibthom fuq naħa waħda biss, ġieli sibthom maż-żewġt iġnub u ġieli sibthom maż-żewġt iġnub u fuq wara wkoll. Imma l-isbaħ tisqifa hija dik meta biex jaqtgħu l-ftuħ tal-wisa' tal-gorboġ il-bennejja kien jpoġġu xriek skuntrat ġo kull rokna, u ġieli jkun hemm ieħor twil li jlaħħaq minn ħajt għall-ieħor fin-nofs tat-tisqifa. Imbagħad kienu jimlew bejn dawn ix-xorok skuntrati jew imsallbin, bil-qxur tal-blat jew b'xorok oħra iqsar.

Minn barra mhux il-griebeġ kollha kienu jiksuhom l-istess. Issib dawk li huma ftit ikkupplati u dawk li huma ċatti. Nista' ngħid li l-biċċa l-kbira kienu jiksuhom b'ġebel imkisser irqiq u xi ħamrija u jkollhom kisja ta' xi tmin jew għaxar pulzieri ħxuna. U sibt oħrajn li kellhom ġebel ikbar, bħal mazkan imħallat maż-żrar. Din it-taħlita ta' żrar u ħamrija kienet tgħaqqad u ma tħallix l-ilma jgħaddi.

L-għeruq tal-ħaxix ħażin li jinbet fuq is-saqaf fix-xitwa kien jgħin ukoll għal dan l-iskop. Sibt ukoll xi ftit ħafna li kellhom is-saqaf ibbattmat bid-deffun jew xi taħlita tixbaħha. Rari ħafna li sibt xi tisqifa bil-miżieb. Kien xi każ wieħed jew tnejn minn mija. Waqt it-tiftix tiegħi nnutajt li n-naħa tagħna (tal-Qrendi) tista' tgħid li l-biċċa l-kbira tad-daħliet kienu jħarsu lejn il-Lvant jew Ix-Xlokk.

Dawk tan-naħa ta' Ħal Għaxaq u l-Gudja ħafna kienu jħarsu lejn in-Nofsinhar. Ta' min jgħid ukoll li d-daħla tal-gorboġ disgħa u disgħin fil-mija qatt ma kien ikollha bieb jingħalaq. Id-daħla kienet titgħatta b'xi biċċa xkora jew drapp mdendla ma' xi zokk jew ħadida 'l fuq mill-blata, meta riedu jgħattuha. Għax l-iskop tal-gorboġ kien li jintuża għall-bżonn ta' dak il-ħin sakemm il-bidwi jmur id-dar. U għalhekk ma kienx iħalli fih għodda jew ħwejjeġ oħra li setgħu jinsterqu.



Peress li kif għidt ftit qabel ċertu griebeġ kienu jkollhom is-saqaf ftit ikkupplat bil-kisja ta' barra hemm min jaħseb li dawn huma giren. Imma l-giren mhux il-kisja ta' barra biss għandhom ikkupplata imma l-binja tat-tisqifa nnifisha. Jiġifieri li l-girna għall-kuntrarju tal-gorboġ li għandu s-saqaf minn ġewwa dejjem ċatt, din

il-girna jkollha is-saqaf tagħha minn ġewwa dejjem għat-tond għamla ta' koppla.

U anke il-ġnub tal-girna jitilgħu immejlin 'il ġewwa minn isfel sabiex sakemm jaslu sa fuq ikunu naqsu kemm jista' jkun il-fetħa tas-saqaf. U anke meta minn barra ikun hemm xi giren ta' għamla kwadra imma t-tisqifa tagħhom minn ġewwa tkun ikkupplata.

Fil-fehma tiegħi dan ġara minħabba l-fatt li fejn jinstabu l-binjiet tal-giren fin-naħa ta' fuq ta' Malta l-blat huwa tal-qawwi u minnu ma tistax tofroq xorok għax id-daqqa tal-imterqa ma timxix peress li huwa samm. Il-blat qawwi ma fihx vina li timxi bħal dak tal-franka. U allura n-nies ta' dawk l-inħawi vvintaw binja skont iċ-ċirkostanzi li sabu ruħhom fihom bil-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tal-blat ta' dawk l-imħawi. In-nies u l-bdiewa tan-naħa t'isfel ta' Malta, minflok l-binja tal-girna żvilippaw il-gorboġ.

Fil-fehma tiegħi din id-differenza hija hekk minħabba li n-naħa t'isfel ta' Malta fejn ngħixu aħna u f'inħawi oħra fejn hemm il-franka, bħal lejn is-Swatar, u Ħal Għargħur, in-nies setgħu jaħsbu b'mod differenti għax iċ-cirkostanżi tal-blat kienu differenti u setgħu jaħdmuh b'mod differenti minn dak tan-naħa ta' fuq fejn hemm il-qawwi.

Fit-tiftix tiegħi li għamilt dwar dan is-suġġett jiena sibt li l-eqreb girna li tinsab lejna hija dik li tinsab fl-inħawi tal-Girgenti, taħt is-Salib tal-Għolja. U l-unika binja li teqreb lejn girna fin-naħiet tagħna hija l-binja li hemm fuq ir-riħ ta' barriera antika tal-qawwi ġo Wied Ħoxt li jiġi 'l isfel minn Ħaġar Qim.

Għalhekk jiena fil-fehma tiegħi l-Gorboġ għandu jingħata l-importanza li jistħoqqlu bħala binja tal-popolin, mhux bir-regoli tal-arkitettura uffiċjali, dik li tissejjaħ "arkitettura vernikolari". Il-gorboġ għandu l-identità tiegħu. U fil-fehma tiegħi għandu jiġi studjat u jingħata l-ġieħ u l-importanza li jistħoqqlu bħalma ngħatat l-binja tal-girna fin-naħiet ta' fuq ta' Malta.

Għalhekk nixtieq nagħmel talba biex jekk xi ħadd għandu jew jaf b'xi post fejn hemm xi gorboġ ikellimni ftit biex inkun nista' nieħu d-dettalji tiegħu. Lili tistgħu tikkuntattjawni fuq 21685148, 79048885, jew fuq menu@maltanet.net. Grazzi.

7.4.2010


# PRIVATE TUITION



English

Matsec Intermediate

May 2011

Contact 27015559 / 99436806